# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 29 ta' Mejju tas-sena 2001.**

**Numru 18**

**Avviz numru 262/00/SM**

**Maltacom p.l.c.**

**vs**

**Telephones Direct Limited**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' hames mija u disgha liri u tletin centezmu (LM509.03,0), rappresentanti ammont dovut in konnessjoni mas-servizz telefoniku bin-numru 0800773701 (numru tal-klijent 991775) liema servizz gie stallat fil-fond Giuseppe Grech Street, San Gwann u dana skond ma kif jidher mid-Dok B anness mal-avviz;**

**Bl-ispejjez komprizi dawk tal-presenti, tal-ittra ufficjali tas-17 ta' Mejju, 1999 u tast-taxxa fuq id-drittijiet professjonali u bl-imghaxijiet kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni;**

**Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex is-socjeta' konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (Art 698 (2) u 702 Proc Civili);**

**Billi ghalkemm notifikata regolarment is-socjeta' konvenuta naqset u ma deheritx, la fit-23 ta' Mejju tas-sena 2001 meta gewipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**